

31991R1534

7.6.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 143/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1534/91  
tal-31 ta' Mejju 1991**

**dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85 (3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fis-settur ta' l-assigurazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 85(1) tat-Trattat jista', skond l-Artikolu 85(3), ikun iddikjarat illi ma jgħoddx għal kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 85(3);

Billi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat iridu jiġu adottati permezz ta' Regolament ibbażat fuq l-Artikolu 87 tat-Trattat;

Billi l-koperazzjoni bejn l-impriżi fis-settur ta' l-assigurazzjoni hija, sa ċertu punt, mixtieqa sabiex jiġi żgurat li dan is-settur jif-funzjona tajjeb u jista' fl-istess ħin jippromwovi l-interessi tal-konsumaturi;

Billi l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi <sup>(4)</sup> jgħin lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja mill-qrib fuq problemi li jgħibu magħhom il-konċentrazzjonijiet fis-setturi kollha, inkluż il-qasam ta' l-assigurazzjoni;

Billi l-eżenzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 85(3) tat-Trattat ma jistgħux fihom infushom jaffettwaw il-Komunità u d-disposizzjonijiet nazzjonali li jħarsu l-interessi tal-konsumaturi f'dan is-settur;

Billi l-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li jilħqu dawk l-għanjiet jistgħu, sakemm jaqgħu fi ħdan il-projbizzjoni li hemm fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat, ikunu eżenti minnha taħt ċerti kondizzjonijiet; billi dan igħodd b'mod partikolari għal ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma marbuta mat-twaqqif ta' ħlas ta' tariffi komuni għar-riskju bbażati fuq statistika garantita b'mod kollettiv jew in-numru ta' talbiet, it-twaqqif ta' kondizzjonijiet ta' politika *standard*, li jkunu koperti b'mod komuni ċerti tipi ta' riskji, il-ħlas ta' ċerti talbiet, l-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' mekkaniżmi tas-sigurtà, u reġistri ta', u informazzjoni fuq, riskji aggravati;

Billi minħabba n-numru kbir ta' notifiki mitfugħa skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 17 tas-6 ta' Frar 1962: L-ewwel Regolament li jħaddem l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat <sup>(5)</sup>, kif emendat l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, jixraq li sabiex tiffaċilita l-ħidma tal-Kummissjoni, trid tkun megħ-juna sabiex tiddikjara, permezz ta' Regolament, li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 85(1) tat-Trattat ma jkunux jgħoddu għal ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma;

Billi jrid jiġi stabbilit taħt liema kondizzjonijiet il-Kummissjoni, b'tisħib mill-qrib u kontinwu ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, tista' teżerċita dawk il-poteri;

Billi, meta tkun qed teżerċita dawk il-poteri, il-Kummissjoni trid tqis mhux biss ir-riskju li titneħħa l-kompetizzjoni f'parti sostanzjali tas-suq rilevanti u ta' xi benefiċċju li jista' jgħaddi għal fuq min għandu l-polza minħabba l-ftehim, iżda anki r-riskju li r-riproduzzjoni ta' klawsoli li jirringu u l-operat ta' kumpaniji ta' l-akkomodazzjoni jinvolvu għal min għandu l-polza;

Billi ż-żamma ta' reġistri u l-mod kif tkun ittrattata l-informazzjoni fuq riskji aggravati trid issir skond it-tħaris xieraq tal-kunfidenzjalità;

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, tat-23.1.1990, pġ. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU C 260, tal-15.10.1990, pġ. 57.

<sup>(3)</sup> ĠU C 182, tat-23.7.1990, pġ. 27.

<sup>(4)</sup> ĠU L 395, tat-30.12.1989, pġ. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 13, tal-21.2.1962, pġ. 204/62.

Billi, skond l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 17, il-Kummissjoni tista' tagħti lok biex deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 85(3) tat-Trattat tibda tgħodd b'effett retroattiv; billi l-Kummissjoni trid ukoll tkun kapaċi tadotta disposizzjonijiet għal dak il-għan f'Regolament;

Billi, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 17, il-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma jistgħu, permezz ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, ikunu eżentati minn din il-projbizzjoni, speċjalment jekk huma modifikati b'tali mod li jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat; billi huwa mixtieq li l-Kummissjoni tkun tista' tagħti permezz ta' Regolament bħal eżenzjoni minn dak il-ftehim, deċiżjonijiet, u prattiċi miftiehma jekk huma modifikati b'tali mod li jaqgħu fi ħdan kategorija mfissra f'Regolament li jeżenta;

Billi ma jstax jiġi eskluż illi, f'każijiet speċifiċi, il-kondizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 85(3) tat-Trattat jistgħu ma jintlaħqux; billi l-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tirregola dawk il-każijiet skond ir-Regolament Nru 17 permezz ta' Deċiżjoni li jkollha effett għall-gejjeni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 17, il-Kummissjoni tista', permezz ta' Regolament u skond l-Artikolu 85(3) tat-Trattat, tiddikjara li l-Artikolu 85(1) m'għandux jgħodd għall-kategoriji ta' ftehim bejn l-impriżi, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattiċi miftiehma fil-qasam ta' l-assigurazzjoni li għandhom bħala l-għan tagħhom il-koperazzjoni f'każ ta':

- (a) twaqqif ta' tariffi ta' ħlas ta' riskju komuni bbażati fuq statistiċi garantiti b'mod kollettiv jew fuq in-numru ta' talbiet;
- (b) twaqqif ta' kondizzjonijiet ta' politika bażiċi komuni;
- (ċ) li jkunu koperti ċerti tipi ta' riskji;
- (d) li jkunu mħallsa t-talbiet;
- (e) li jkun ttestjat u aċċettat t-tagħmir tas-sigurtà;
- (f) reġistri ta', u informazzjoni fuq, riskji aggravati, dejjem jekk iż-żamma ta' dawn ir-reġistri u l-użu ta' din l-informazzjoni jsir skond il-protezzjoni xierqa tal-kunfidenzalità.

2. Ir-Regolament tal-Kummissjoni msemmi fil-Paragrafu 1, jispjega l-kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li jgħodd għalihom u jrid jispeċifika b'mod partikolari:

- (a) ir-restrizzjonijiet jew klawsoli li jistgħu, jew ma jstgħux, jidhru fi ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma;

- (b) il-klawsoli li jrid ikun hemm fil-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma jew il-kondizzjonijiet l-oħra li jridu jintlaħqu.

#### Artikolu 2

Kwalunkwe Regolament adottat skond l-Artikolu 1 għandu tul ta' żmien limitat.

Dan jista' jiġi imħassar jew emendat meta ċ-ċirkustanzi jkunu nbidlu skond xi fatti essenzjali sabiex jiġi adottat; f'dak il-każ, irid jiġi stabbilit perjodu għall-modifiki tal-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li għalihom kien jgħodd ir-Regolament ta' qabel.

#### Artikolu 3

Regolament adottat skond l-Artikolu 1 jista' jagħti lok li jgħodd retroattivament għall-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li għalihom, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament imsemmi, tkun ġiet applikata deċiżjoni b'effett retroattiv skond l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 17.

#### Artikolu 4

1. Regolament adottat skond l-Artikolu 1 jista' jagħti lok li l-projbizzjoni li hemm fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat ma tgħoddx, għal dak il-perjodu kif ikun stabbilit f'dak ir-Regolament, għall-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma diġà eżistenti fit-13 ta' Marzu 1962 li ma jilħqux il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 85(3) fejn:

- fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament imsemmi, huma jiġu modifikati b'tali mod li jilħqu l-kondizzjonijiet imsemmija skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti msemmi u
- il-modifiki jiġu mgħarrfa lill-Kummissjoni fi żmien stipulat mir-Regolament imsemmi.

Id-disposizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu jgħoddu bl-istess mod għal dak il-ftehim, deċiżjonijiet u disposizzjonijiet li jkun hemm fid-data ta' l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda li għalihom jgħodd l-Artikolu 85(1) tat-Trattat permezz tad-dħul u li ma jilħqux il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 85(3).

2. Il-Paragrafu 1 jgħodd għall-ftehim, deċiżjonijiet u disposizzjonijiet li kellhom jiġu notifikati qabel l-1 ta' Frar 1963, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 17, biss fejn ġew hekk notifikati qabel dik id-data.

Il-Paragrafu 1 ma jgħoddx għall-ftehim, deċiżjonijiet u disposizzjonijiet li hemm fid-data ta' l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda li għalihom jgħodd l-Artikolu 85(1) tat-Trattat permezz ta' l-adeżjoni u li kellu jkun notifikat fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni skond l-Artikoli 5 u 25 tar-Regolament Nru 17, sakemm ma kinux hekk notifikati fil-perjodu msemmi.

3. Il-vantaġġ mid-disposizzjonijiet adottati skond il-paragrafu 1 m'għandux jiġi inkluż f'azzjonijiet pendenti fid-data ta' l-adeżjoni fis-seħħ ta' Regolament adottat skond l-Artikolu 1; lanqas m'għandu għalfejn jiġi inkluż bħala mezz għal talbiet għal ħsara kontra partijiet oħra.

#### Artikolu 5

Fejn il-Kummissjoni tippromponi li tadotta Regolament, din trid tippubblika d-draft tiegħu sabiex il-persuni kollha u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jgħaddulha l-kummenti tagħhom f'dak iż-żmien stipulat, li ma jkunx inqas minn xahar, kif din tistabbilixxi.

#### Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni trid tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv dwar Ħidmiet Ristrettivi u Monopolji:

- (a) qabel ma tippubblika l-Abbozz tar-Regolament;
- (b) qabel ma tadotta Regolament.

2. Għandu jgħodd l-Artikolu 10(5) u (6) tar-Regolament Nru 17, marbut mal-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv. Iżda, laqgħat

konġunti mal-Kummissjoni jridu jsiru mhux aktar kmieni minn xahar wara li jintbagħat l-avviż dwarhom.

#### Artikolu 7

Fejn il-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tagħha stess inkella fuq talba ta' xi Stat Membru jew ta' xi persuni naturali jew ġuridiċi li qed jitolbu interess leġittimu, issib li, fi kwalunkwe każ partikolari, ftehim, deċizzjonijiet u prattiċi miftiehma, li għalihom Regolament adottat skond l-Artikolu 1 jgħodd, għandhom xorta waħda ċerti effetti li huma inkompatibbli mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 85(3) tat-Trattat, hi tista' tirtira l-vantaġġ għall-applikazzjoni tar-regolament imsemmi u tiegħu deċizzjoni b'mod konformi ma' l-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament Nru 17, mingħajr l-ebda notifika skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 17, mingħajr l-ebda notifika skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 17.

#### Artikolu 8

Mhux aktar tard minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni provdut fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni trid tgħaddi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-mod kif jaħdem dan ir-Regolament, flimkien ma' dawk il-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament kif ikun meħtieġ minħabba l-esperjenza.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 1991.

*Fisem il-Kunsill*

*Il-President*

A. BODRY